

Wara aktar minn seba' sigħat ta' tentattivi biex ilbieraħ jitqiegħed il-pont tal-breakwater fil-Port il-Kbir, il-ħidma mill-inġiniera u l-ekwipaġġ tal-baħar kellha tiġi abbandunata biex issa ġiet posposta għal jum ieħor, meta l-baħar ikun aktar kalm. Aktar dettalji f'paġna 3. (Ritratt: Joseph Galea)

# Inkomplu bir-rankatura biex inkomplu nbiddlu l-pajjiż



minn David
**AGIUS**
david.agius@gov.mt

Illum jerġa' jibda jiltaqa' l-Parlament Malti. Mhux ghax qatt waqfet il-hidma parlamentari matul is-sajf! Illejla jerġa' jibda *jiltaqa'* l-Parlament. Biss il-hidma ma tieqaf qatt, anke fix-xhur tal-vaganzi. Il-hidma f'bosta kumitati baqghet ghaddejja.

Il-Parlament hu l-oghla istituzzjoni tal-pajjiż u ahna tal-Partit Nazzjonalista se nkomplu naraw li dan jibqa' jkun hekk. Se nkomplu naraw li l-Parlament ma jkunx biss l-oghla istituzzjoni tal-pajjiż tal-isem biss. L-oghla istituzzjoni tal-pajjiż ifisser li dan il-post ikun id-*driving force* ta' dak li jsehh fix-xena politika Maltija.

B'hekk il-Parlament ikun dak il-post li jixpruna lilna lkoll li nahdmu f'isimkom biex ikollna pajjiż ahjar.

### Parlament li se jkompli jaħdem

Fost l-ewwel dibattiti li se jkun hemm hu dak li fih niddiskutu l-qaghda finanzjarja tal-pajjiżi Ewropej u z-zona ewro. Se tkun opportunità li naraw pajjiżna kif inhu sejjer u nikkomparawh ma' kif inhuma sejrin pajjiżi ohrajn.

Tiftakru kemm l-Oppożizzjoni kienu jghidulna fid-disghinijiet li ghad li konna qeghdin naghmlu progress, pajjiżi ohrajn kienu qeghdin jaghmlu progress akbar u kellhom livell ta' ghajxien ahjar minna. Dakinhar kienu jharsu 'l barra minn xtutna biex jikkomparaw. Illum le, ghax ma jaqblilhomx.

Illum jitkellmu biss fuq dak li qed jiġri f'pajjiżna, qisna qeghdin ġo bozza, ghax ma jaqblilhomx iharsu lejn pajjiżi ohra. Joqoghdu attenti kif jitkellmu li ma jmurx il-poplu jinduna li pajjiżna sejjer ahjar minn pajjiżi ohra.

Imma l-poplu mhux bahnan u l-*media* llum m'ghadhiex dik li kienet fi żmienhom li tirrepeti biss dak li jghid il-gvern. Illum il-*media* lokali ddoqq kull tip ta' qanpiena u l-*media* internazzjonali dahlet f'kull rokna ta' djarna. Ahbar tal-protesti li jsiru mill-pajjiżi ġirien taghna minhabba n-nuqqas ta' xoghol taraha fuq il-*media* dak il-hin stess li tkun qed issehh.

### Parlament miftuħ għall-poplu...

U la qed insemmi l-*media*, kemm hu tajjeb li l-Parlament ikun segwit minn aktar nies fuq il-*media*. Dan ili nghidu u bhala *Whip* tal-Gvern se nkompli nahdem biex isehh. Illum hemm il-*live streaming* tas-seduti parlamentari fuq l-internet u x-xandir tas-seduti fuq ir-radju. Qeghdin nahdmu wkoll biex is-seduti jkunu wkoll trasmessi b'mod viżwali. Inheġġiġkom sabiex issegwu d-dibattiti ghal tliet raġunijiet.

L-ewwel nett ghaliex id-deputati eletti qeghdin hemm f'isimkom. It-tieni biex tapprezzaw il-hidma sfiqa li qieghda taghmel din il-leġislatura mmexxija mill-Partit Nazzjonalista biex inbiddlu l-liġijiet u b'hekk naghmlu pajjiżna dejjem aktar ahjar. U t-tielet – u forsi fost l-aktar importanti meta issa resqin dejjem aktar ghall-ghażla elettorali – biex taraw id-differenza bejn id-deputati taż-żewġ partiti.

Nhar is-Sibt li ghadda waqt in-*Notte Bianca*, kienu bosta li ġew jaraw il-post minn fejn jahdem il-Parlament. Minbarra l-preżenza tan-nies biex jaraw il-post, il-poplu qeghdin spiss nistednuh biex jiġi u jsemma' lehnu fil-Parlament. Qeghdin spiss nistiednu n-nies biex jiġu mhux biss biex jaraw, imma biex jitkellmu u jghidu taghhom.

Dan l-ahhar kellna l-Parlament taż-żghażagh. Ma ndumux ma nilqghu l-persuni b'diżabbiltà biex jghidulna fil-kamra tal-Parlament dak li qieghed jaffettwa lilhom u l-bidliet li jixtiquna nimplimentaw. Dan, ovvjament, minbarra l-okkażjonijiet li fihom nilqghu lis-soċjetà civili u mexxejja distinti (imma li bhalna jhaddnu l-valuri demokratiċi li nhaddnu ahna).

### ... biex il-poplu japprezza l-kwalità tal-ħidma

Dis-sena qeghdin infakkru d-90 sena tal-Parlament Malti. Il-bini tal-Parlament il-ġdid fid-dahla tal-Belt Valletta miexi ġmielu. Resqin ukoll lejn il-holma li jkollna post fejn jiltaqa' l-Parlament li jkun aktar aċċessibbli fiżikament kif ukoll aktar aċċessibbli fir-riżorsi li jkollu biex jahdem minnu.

Ghalhekk inheġġeġ lid-deputati kollha shabi biex nifirhu u niġġeddu f'dan l-anniversarju u nimitaw lil dawk il-bosta deputati li kienu ikoni ta' kif ghandu jkun membru parlamentari. Jiena bhala *Whip* tal-Gvern, hu dmiri li nara li dan isehh.

NET radio 101 il-mument IN-NAZZJON pin informa maltarightnow.com PING